**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 479/97

Nicholas Chircop

vs

CGMO, Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 Tabib Principali tal-Gvern

Illum 7 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 7 ta' Marzu 1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kont dahal jahdem mal-Gvern ghall-habta tal-1977 mad-Dipartiment tax-Xogholijiet pubblici bhala Labourer.

Ghall-habta tal-1982 kien gie trasferit fuq talba tieghu ghall mad-Dipartiment tas-Sahha bhala Ambulance Driver fl-isptar San Luqa.

Huwa dam jaghmel dan ix-xoghol sa ftit wara li nbidel il-Gvern fl-1987 meta habta u sabta gie imwaqqaf u gie mibghut jaghmel xoghol ta' Telephone Operator fil-Garage tal-Ambulanzi. Hawn dam sal-bidu tal-1988 meta rega gie trasferit ghal Garage tal-Gvern ta' Hal-Kirkop jaghmel xoghol ta' Driver.

Minhabba dan it-trasferiment huwa sofra danni finanzjarji minhabba li gie mtellef ix-Shift Allowance li kellu bhala Ambulance Driver kif ukoll l-Overtime tal-Hdud u l-Festi.

Huwa jhoss li sofra din l-ingustizzja minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat ghal dak kollu li gie mtellef ingustament jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm…

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern illi eccepixxa illi rigward it-transfer li nghata Nicholas Chircop dan sar skond l-esigenzi tas-Servizz kif ampjament indikat fl-appointment tieghu stess. It-Transfers jinghataw skond kif dettat mill-bzonn dak inhar illi jigu effetwati.

Ghaldaqstant l-initmat filwaqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent Nicholas Chircop talab lill-dan t-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors. Hu xehed li meta nghata t-transfer ma kien inghata l-ebda raguni ghaliex inghata t-transfer.

Illi l-partijiet qablu li jaghmlu referenza ghad-dokumenti ezibiti u xhieda moghtija fil-kawzi bin-numri 11/97 u 12/97 u dan gie milqugh.

Ghalhekk it-Tribunal sejjer jikkwota l-parti relevanti tas-sentenza moghtija fl-29 ta' April, 1998 fl-ismijiet "Mario Farrugia vs Dipartiment tas-Sahha et" fejn it-Tribunal qal:

"Mill-ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li hafna persuni li gew trasferiti ghall-garage ta' l-ambulanzi ma kienux drivers izda Hospital Auxiliaries, Technical Officers, Boiler Attendant, Skilled Labourer, Watchman u hadu post nies li kienu drivers. Dan it-Tribunal certament ihoss li saret ingustizzja ma' min kien driver u gie sostitwit bhala driver minn persuni li kienu fil-kategoriji imsemmija hawn fuq.

Ukoll dan it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni fejn jghid li transfer ma ghandux isir jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi ghalih u certament ma ghandux isir minghajr certu formalitajiet. Ihoss li d-dinjita' umana ta' impjegat titlob li transfer isir bil-miktub u fuq firma ta' kap ta' Dipartiment u li fih ikun hemm indikati l-motivi ghala sar it-transfer. Dan inaqqas il-possibilta' li transfer jinghata minghajr ma jkun gustifikat."

Ghal dawn l-istess motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-esigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku. Dawn veru li huma principji stabbiliti u li jintitolaw lill-Gvern li jaghmel it-transfers necessarji, izda tali transfers iridu jsiru skond il-procedura korretta u li jkunu verament gustifikati mill-esigenzi tas-servizz u mhux li jitbaghat jaghmel xoghol ta' driver min mhuwiex driver u dak li hu driver ingustament jitlef l-allowances li kien intitolat ghalihom.

Ghal dawn il-motivi issib it-talba tar-rikorrent gustifikata u wara li t-Tribunal qis il-fatturi kollha jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' tlett telef lira maltija [LM3000]. Spejjez kontra l-intimat.